FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

19 ta’ Frar 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbghatax il-Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Erbghatax (14)-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 4 ta’ Frar 2013 fil-5.30pm.**

L-Erbghatax (14)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b’din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Gardmed
10. Evalwazzjoni tal-offerti –
    a. FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains
    b. FLC/T/5/12 – Cleaning and Upkeep of Gardens and public convenience
    c. FLC/Q/01/2013 – Supply, Delivery and Installation of Ornamental Benches and Tables
    d. FLC/Q/02/2013 – Repair of Wooden Gazebos in KGV
    e. FLC/Q/03/2013 – Repair/ replacement of Faulty CCTV in KGV
11. Dikjarazzjoni tal-Vici Sindku Matthew Paris
12. Estimi Annwali 2013
13. Laqgha Annwali tal-Lokalita`
14. Gbir ta Skart Riciklat
15. Jum il-Floriana

16. Karnival ta'Malta
17. Celebrazzjoni Nazzjonali ta` Lejlet l-Ewwel tas-Sena
18. Assemblea Generali Furjaniza
19. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
20. St Patrick's Day f'Balzunetta
21. Nominazzjonijiet ghal Justin Haber Football Academy
22. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna u Balzunetta
23. Bankini u Asfaltar f'Balzunetta
24. Bye Law ghall-Uzu tal-fosos
25. Progett Floriana Model
26. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Erbghatax (14)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores, assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

Is-Sindku Nigel Holland ghamel appell sabiex il-kunsillieri jkunu koncizi u jimxu mal-materji tal-agenda u dan sabiex din titlesta kollha.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbgha u sittin (64) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 13.5 li ghandha taqra "mill-kunsilliera kollha prezenti".

1.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 13.5 li ghandha taqra "waqt il laqgha msejjha b'urgenza".

1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 14.3 li ghandha taqra "waqt id diskussjoni qam ukoll il punt dwar ic-cirkulari tal-parkegg f'attivitajiet politici..."

1.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 16.2 li ghandha taqra "Triq l-Argotti (il-parti z-zghira)"

1.6 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja nru 14.3 (13) u saqsa jekk hux ser tigi adottata procedura gdida fejn jintalab permess mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qabel ma tintbaghat kwalunke cirkolari mill-Kunsill. Huwa saqsa wkoll jekk kienx gie mitlub il-permess mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward ic-cirkolari in kwistjoni. Is-Sindku spjega li din il-materja kienet qamet minhabba li waqt id-diskussjoni kien qam il-punt dwar jekk cirkolari li tintbaghat minn xi kunsillier ghandiex tghaddi ghall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma tigi distribwita. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien iddecieda li ghandu jivverifika mal-linji gwida tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. F'Dan ir-rigward huwa kien ikkonferma mal-Kodici tal-Etika tal_kunsilliera li ma kien jispecifika xejn f'dan l-aspett. Huwa kompla billi ssuggerixxa li l-Kunsill ikompli jadotta l-istess procedura tas-soltu li c-cirkolarijiet mahruga mill-kunsillieri jghaddu ghand is-Sindku sabiex ikun informat bil-korrispondenza li tkun se tohrog u anke sabiex ikun jista' jiddiskuti mal-kunsillier in kwistjoni.

2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja nru 14.3 (13) u informa lill-Kunsill li hu kien ghamel it-talba liz-zewg partiti ewlenin li jistghu juru interess jorganizzaw mass meeting fil-lokalita'. Huwa qal ukoll li meta kien ressaq il-proposta fil-laqgha tal-Kunsill ma kellux cifra preciza u ghalhekk kien mexa fuq indikazzjoni u estimi ta' kemm tista' tammonta l-ispiza. Il-Vici Sindku Paris qal li ghalkemm it-talba kienet ilha li ntbaghtet, il-Kunsill kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand l-ebda partit.

2.2.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-istess materja 14.3 (13) u qal li peress li ghad m'hemmx risposta minghand il-partiti, l-unika alternattiva hija li l-Kunsill jidhol ghal din l-ispiza hu. Is-Sindku sostna li hu kien kontra din l-ispiza u dan minhabba c-cirkostanzi finanzjarji li l-Kunsill jinsab fihom.

2.2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris sostna li f'laqgha precedenti, il-Kunsill kien

iddecieda li jhallas din l-ispiza hu jekk il-partiti politici jirrifjutaw li jikkontribwixxu huma.

2.2.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li seta' kien hemm nuqqas ta' ftehim u ghalhekk wiehed irid jiehu decizjoni definittiva issa dwar jekk il-Kunsill hux ser jassorbi din l-ispiza hu.

2.2.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li l-kunsillieri kienu qed jirraprezentaw lir-residenti u ghalhekk sostniet li din l-ispiza kienet ser tiffacilita l-hajja tar-residenti ghaz-zmenijiet tal-meetings.

2.2.5 Tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris biex il-Kunsill jassorbi l-ispiza ta' hlas ta' parker dakinhar li jsiru l-mass meetings fil-lokalita', issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (MP, DSH)
Kontra: 2 (NH, VB)
Astensjonijiet: 0

2.2.6 Is-Sindku uza il-*casting vote* tieghu kontra il-mozzjoni, ghalhekk il-mozzjoni m'ghaddietx.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.3 (13) u saqsa dwar kif kien baqa' l-Kunsill dwar l-impjieg ta' green wardens. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li t-talba ghall-green wardens kienet saret izda kien ghadu ma giex informat meta kien ser isir is-servizz mitlub.

2.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.4 (13) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ghadu ma kkuntattjax lis-sid.

2.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.4 (13) u saqsiet jekk kienx gie avvicinat mis-sid tar-ristorant. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li s'issa kien ghad ma kellu l-ebda kuntatt ma' sid ir-ristorant dwar il-materja in kwistjoni.

**Nota: 17:50 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

2.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.6 (13) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-carpark. Is-Sindku Nigel Holland informa li minn dakinhar lil hawn ma kienux saru izjed laqghat dwar din il-materja pero kienet inkitbet ittra mis-Segretarju tal-Floriana F.C. lil Onor Joseph Muscat izda kien ghadu ma giex informat x'kienet ir-risposta ghall-ittra.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 6.5 (13) u saqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar tieg li kien hemm hsieb li jsir fi Gnien Sir Luigi Preziosi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien informahom bid-decizjoni mehuda mill-Kunsill fil-laqgha precedenti izda kien ghad ma kellux risposta.

**Nota: 17:55 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 13.19 (13) u saqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lir-residenti dwar l-iscolarships tal-Justin Haber Academy. Is-Sindku Nigel

Holland wiegeb li l-kunsillier responsabbli mill-isports ghandu jiehu hsieb li din tintbaghat.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 15.2 (13) u saqsa jekk kienux inhargu l-kwotazzjonijiet tal-ventijiet. Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalissa dawn ghadhom ma nhargux minhabba li kien ghadu z-zmien.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 17.4 (13) u saqsa kienux hargu xi proposti ghall-bye law ghall-uzu tal-Fosos u jekk is-Sindku kienx iltaqa' ma' Charles Bonello. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien talab laqgha ma' Charles Bonello izda ghalissa kien ghadu ma giex moghti appuntament minhabba l-elezzjoni generali. Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja kienet tinsab fuq l-agenda tal-laqgha ta' dakinhar u ghandha tigi diskussa f'waqtha.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Avukat Owen Bonnici li kiteb ghan-nom tas-Sur Mario Pace li kien qed iressaq talba ghad-danni li sofra fil-vettura tieghu. Il-Kunsill qabel li din l-ittra legali ghandha tghaddi ghand l-Avukat tal-Kunsill sabiex tkun tista' tintbaghat risposta legali. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din it-tappiera ma kinietx proprjeta' tal-Kunsill u ghalhekk ma jhossx li d-danni ghandhom jithallsu mill-Kunsill.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarju tal-Kumitat Grupp Hidma San Publju fejn intalab permess sabiex ikunu jistghu itellghu l-armar kollu konness mal-festa fit-toroq. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni. Huma talbu wkoll li jitwahhlu tabelli tat-traffiku li jindikaw li Triq San Tumas ser issir cul de sac ghad-durazzjoni tal-festa. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb iwahhal it-tabelli mitluba.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li fl-ittra li tigi mibghuta b'risposta ghall-materja precedenti, tingibed l-attenzjoni ghall-fatt li qed jigu mkissrin l-ghotjin tal-hofor tal-arbli tal-festa.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Johann Said fejn talab permess sabiex itella' cirklu fil-Park & Ride. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet kollha necessarji mil-ligi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinzamm depozitu ta' €1165 ghal din l-attivita'.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Johann Said fejn talab permess sabiex itella' show on ice fuq il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet kollha necessarji mil-ligi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinzamm depozitu ta' €1165 ghal din l-attivita'.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn informaw lill-Kunsill li l-Premju ta' Sens Civiku kien gie moghti lil Brooklyn Sciberras.

3.7 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li kien gie avvicinat mill-iSkola Primarja fejn informawh li ma kellhom lil hadd li seta' jwahhlilhom l-ispikes moghtija mill-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland qal li fis-sitwazzjoni finanzjarja prezenti, il-Kunsill ma setax jaffordja li japprova spejjez godda u ghalhekk issuggerixxa li l-Kunsill jinformahom b'dan u jissuggerilhom li jitolbu l-ghajnuna lill-Gvern Centrali. Il-Kunsill qabel.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Erik Debattista fejn offra li

tigi organizzata l-finali tan-knockout tal-Floriana Basketball b'mod kongunt mal-Kunsill. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi taqbel li ghandha tintlaqa' t-talba. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jkun ahjar li kieku l-ghaqdiet jaghtu programm lill-Kunsill bl-attivitajiet li ghandhom ippjanati ghal matul is-sena biex b'hekk il-Kunsill ikollu idea ta' x'ser jigi organizzat u jkun anke jista' jiehu decizjonijiet minn qabel. Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jistax ikun li l-Kunsill jibqa' johrog dawn l-ispejjez specjalment ladarba l-Kunsill kien ha decizjoni fil-laqgha precedenti fejn kien qabel li ma jkunx hemm nefqiet li m'humiex relatati strettament mal-Kunsill.

3.8.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni ta' din it-talba bil-kundizzjoni li ssir coach wahda biss u t-trasport ghar-residenti jkun b'xejn, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (MP, DSH)
Kontra: 2 (NH, VB)
Astensjonijiet: 0

3.8.2 Is-Sindku uza il-*casting* vote tieghu, u ghaldawstant il-mozzjoni m'ghaddietx.

3.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li waqt l-attivita' li ttellghet ix-xahar li ghadda kienu ngabru €15 li ghandhom jinghataw donazzjoni lil xi ghaqda lokali hekk kif deciz f'Kunsill precedenti.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland informa b'kaz li jmur lura xi snin fejn il-Kunsill huwa dovut xi flus mis-Sur Omar Aquilina fejn kien sar ftehim li l-flus dovuti jinghataw f'xoghol. Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa ghalfejn ma kienietx giet interrotta l-preskrizzjoni tal-kaz mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa sena ilu l-Kunsill kien ghadu fic-cans li jwaqqaf il-preskrizzjoni. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-ftehim li l-Kunsill kien ghamel mas-Sur Aquilina kien wiehed ta' gentlom u ghalhekk ma setax jifhem fuq liema bazi u pretensjoni s-Sur Aquilina kien rega' lura mill-kelma li kien ta lill-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li kien jippretendi li wiehed jonora l-obbligazzjonijiet tieghu u ghalhekk issa ladarba s-Sur Aquilina m'onorax il-kelma tieghu din kellha sservi taghlima ghall-Kunsill sabiex jaghraf jimxi. Huwa qal ukoll li hu ghadu jippretendi li s-Sur Aquilina jerga' lura mid-decizjoni tieghu u jonora l-ftehim li ghandu mal-Kunsill u f'nuqqas ta' dan, fl-opinjoni tieghu, s-Sur Aquilina ghandu jigi blacklisted minn kwalunkwe offerta' jew tender li l-Kunsill johrog.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-istedina mibghuta mill-Kunsill ta' Macerata fejn gie mistieden is-Sindku fi zjara f'Macerata. Is-Sindku qal li hu kien ser jipproponi li jitla' wkoll is-Segretarju Ezekuttiv, bl-ispejjez tal-Kunsill ikunu l-hlas tat-titjiriet. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm bizzejjed flus sabiex jithallsu t-titjiriet ladarba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet daqshekk hazina. Is-Sindku Nigel Holland qal li fl-allokazzjoni tal-Kunsill, il-Gvern Centrali jalloka sa massimu ta' €2500 ghall-gemellaggi, fondi li kienu ghadhom ma ntefqux. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ghal kemm ser tammonta din l-ispiza. Is-Sindku qal li l-gemellaggi twieldu sabiex ikattru l-hbiberija bejn popli differenti u dan il-gemellagg paritkolari kien ta hafna frott u exposure kemm lil-lokalita' kif ukoll lill-Malta. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghalih ma taghmilx differenza min jattendi ghal din iz-zjara izda ma jhossx li ghandhom jintefqu dawn il-flus ladarba m'hemmx finanzi. Is-Sindku qal li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard ladarba jkun hemm konferma ta' kemm il-persuna tista` tattendi peress li kienet giet estiza l-istedina.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza fejn il-Kummissarju ghall-Ambjent u l-Ippjanar kien kiteb lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u talbu sabiex il-kunsilli tan-Naxxar u tal-Floriana jikkonsultaw mal-MEPA u awtoritajiet responsabbli ohra qabel ma jaghtu permessi ghal cirkli sabiex il-kundizzjonijiet tal-operaturi jkunu in line u accettati minn kulhadd. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka, li il-Kunsill ma johrogx permessi, izda no objections, bil-kundizzjoni li jingiebu il-permessi kollha necessarji. Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li l-Kunsill jinforma lill-Pulizija u lill-MEPA bin-no objections li l-Kunsill ser jaghti lil Johann Said skont id-decizjonijiet mehuda f'din il-laqgha.

3.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li johrog sejha ghal impjegat manwali full time mal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi nforma li l-processi kollha godda ta' recruitment kienu twaqqfu minhabba l-elezzjoni ghalhekk din il-materja ser tibqa' pendenti sa wara l-elezzjoni.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-Vilhena Band Club fejn offrew lill-Kunsill sabiex jaghmel reklam fil-programm tal-festa. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li thoss li talbiet bhal dawn m'ghandhomx jigu diskussi ladarba hemm decizjoni tal-Kunsill li tmur kontra l-approvazzjoni ta' nefqiet mhux relatati direttament mal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li jhoss li dawn it-talbiet ghandhom jitressqu xorta sabiex il-Kunsill ikun informat b'dak li jkun ghaddej u jkun jista' jiehu d-decizjonijiet tieghu. Il-Kunsill qabel b'maggoranza li din it-talba ma tigix approvata.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland informa b’manutenzjoni li trid issir mir-Road Servicing li tammonta ghal €2600. Il-Vici Sindku ippropona li din tigi arkivjata sakemm jigi determinat kemm ser jiehu l-Kunsill ezatt minghand l-Awtorita’ tad-Djar jew il-ministeru.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienux twahhlu xi planters mal-art. Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex iwiegeb li min-naha tieghu qal li ma kienx talab li jitwahhlu xi planters. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kellu informazzjoni li dawn twahhlu minn xi resident. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq ghandu jivverifika.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-website tal-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb li min-naha tieghu qal li hu kien ghadda l-banner u xi informazzjoni ohra mitluba lil min qed jiehu hsieb is-sit izda minn dakinhar kien ghadu ma sema' b'xejn iktar.

4.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku dwar is-sigar ta' Robert Samut Hall. Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex iwiegeb, li min-naha tieghu qal li kienet saret talba lill-Ministru sabiex dawn is-sigar jitnehhew u tkun tista' tinkixef il-faccata tal-hall. Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li ssir talba lill-MEPA.

4.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk kinietx harget l-expression of interest dwar organizzazzjoni ta' tigijiet fi Gnien Preziosi. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb li min-naha tieghu qal li din kienet harget u qed jistenna d-data tal-gheluq tas-sottomissjonijiet.

4.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx tkellem ma' xi

kumpaniji tat-trasport dwar talba ghal prezz ridott. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb li min-naha tieghu saqsa jekk ghadx hemm bzonn li jsiru dawn id-diskussjonijiet ladarba l-Kunsill kien iddecieda li ma jghinx f'attivitajiet mhux relatati direttament mieghu. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jitlob kwotazzjonijiet xorta ghal xi attivitajiet li jaf jorganizza.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet ser tipprezenta l-minuti relevanti fil-laqgha tal-Kunsill li gejja.

5.2 Is-Sindku qal li l-minuti tal-kumitati u sottokumitati huma importanti ghax dawn huma parti mill-minuti tal-Kunsill.

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg talab ghal lista tal-membri kollha kkonfermati tal-istess sottokumitat.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland talab li tintbaghat ittra lill-membri kollha mahtura li tinformahom bil-hatra kif soltu jsir.

**Nota: 18:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **75-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni minn pagamenti nru 44, 45 u 47.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu mhux ser jivvota favur il-pagament nru 43 u dan minhabba li kien hemm diversi nuqqasijiet min-naha tal-kuntrattur u ghalhekk ihoss li ghandu jigi mmultat.

**Nota: 18:35 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

7.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien informat li s-subways ma kienux qed jinghalqu.

7.5 Is-Sindku qal ukoll li jhoss li l-procedura kienet ahjar meta kienet titressaq proposta bil-miktub ghall-multa mill-kunsilliera milli kif inhi l-procedura llum, cioe li tigi mressqa proposta fil-laqgha tal-Kunsill.

7.6 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ladarba l-kuntratt jippermetti li l-kuntrattur jigi mmultat, ghandu jressaq proposta ghall-multi ghall-approvazzjoni.

7.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kemm-il darba gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur ghal diversi nuqqasijiet li baqghu ma trangawx. Huwa qal ukoll li hu ma jhossx li ghandu joqghod jigri wara l-kuntrattur biex jaghmel xogholu.

7.8 Ghalhekk tressqet mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jigu mmultati n-nuqqasijiet li gejjin: nuqqas ta' tindif ta' latrini. nuqqas ta' tbattil ta' dustbins, nuqqas ta' tindif tal-gnien, nuqqas ta' tnehhija tal-haxix hazin mill-gnien u nuqqas t'gheluq tas-subways, issekondat mis-Sindku Nigel Holland, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (MP, DSH)

7.9 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur Daniel Attard l-ammont ta' €25 ghal kull nuqqas.

7.10 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk il-kuntrattur is-Sur Karl De Flavia kienx gie jhallas il-flus dovuti lill-Kunsill ghal tqeghid ta' materjal fit-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn il-flus dovuti kienu gew imhallsa dakinhar.

7.11 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-kwistjoni ta' tqeghid ta' skip minghajr permess. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kellu jivverifika.

7.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li kienu nhargu barra diversi affarijiet fi Triq San Frangisk. Is-Sindku qal li hu kellu jiehu d-decizjoni li jaghti struzzjoni lill-impjegati sabiex ma jaccettawx li tigi bbukkjata iktar minn persuna wahda u gurnata wahda kull telefonata ghas-servizz tal-bulky refuse u dan sabiex jitnaqqas l-abbuz mir-residenti. Is-Sindku qal li inizjalment meta beda l-bulky refuse, dan kien biex tnehhi oggetti kbar u mhux biex jitnehhew terrapin, u affarijiet ohra relatati ma' xoghol tad-dar specjalment meta dan kien qed ikun ta' piz finanzjarju kbir ghall-Kunsill.

7.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li tintbaghat ittra mill-Kunsill lir-residenti tal-blokka kkoncernata fi Triq San Frangisk fejn jigu nformati li ma jistghux jintremghu oggetti barra u li dawn ghandhom jitnizzlu ghalll-bulky refuse, 2 oggetti kull darba.

7.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li ladarba dawn l-oggetti kienu regghu iddahhlu gewwa ma jarax li kien hemm bzonn li tintbaghat ittra.

7.15 Is-Sindku Nigel Holland insista mal-kunsillieri li kemm jista' jkun ma jnizzlux hafna oggetti f'daqqa ghal gabra wahda, anke jekk dawn ikunu fit-triq u f'kaz li dan isir, il-kunsillier in kwistjoni ghandu jaghmel milll-ahjar sabiex jittiehdu passi kontra min ikun abbuza.

7.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienux qed isiru l-ispotchecks mill-kunsillier responsabbli. Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm dawn gieli saru meta l-Kunsill kellu suspett li jkun sar xi abbuz, hu xorta ma jhossx li l-Kunsill ghandu jghabbi lill-istaff b'iktar xoghol.

7.17 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li diversi kuntratturi li

ghandhom xoghol mal-Kunsill ghandhom xi flus dovuti lill-Kunsil f'citazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu pprezentati cifri dettaljati fil-laqgha li jmiss u dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jiehu d-decizjonijiet adegwati.

7.18 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11171 sa 11231, u Gardmed 113 bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.19 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.20 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bl-ispiza tat-titjiriet ghall-gurija tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill approva.

7.21 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-pagament dovut mill-Kunsill lill-Malta Scouts Association dwar il-parkegg tal-impjegati. Il-Kunsill approva dan il-pagament.

## <u>8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>

8.1 **14/1 –** *Hemm planter vicin hafna ta' garage (raymond attard) fit-Triq il-Miratur. Is-sid ta dan il-garage qed issib problema biex ikun jista jdahhal il-karroza gewwa il-garage u ghalhekk talabni biex titressaq ftit sabiex ma jkollux problemi aktar.*

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________

Sekondant – Vince Borg ______________________

Datata – 17 ta' Jannar 20123

---

8.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li din il-mozzjoni ma tigix imressqa minhabba li l-persuna in kwistjoni ma kinietx irregistrat il-garaxx mal-Kunsill u ghalhekk ma jhossx li jista' jappoggja xi haga li mhux in ordni mal-Kunsill.

8.1.2 Il-Kunsill qabel li fic-cirkostanzi, ghandu l-ewwel jitlob lir-resident jirregolarizza ruhu qabel ma titressaq il-mozzjoni.

8.2 **14/2 –** *Hemm tabella ma' hajt ta' block flats fi Triq Pietro Floriani biex il-karozzi jiparkjaw wicchom il-barra minhabba li resident partikolari ghandu it-twieqi tar-residenza tieghu mal-art u talab li din it-tabella titwahal ma' pole ghaliex il-karozzi mhux qed jaraw din it-tabella.*

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________

Sekondant – Vince Borg ________________________

Datata – 17 ta' Jannar 20123

---

8.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li tigi amendata l-mozzjoni biex taqra "front to front" minflok "wiccom il-barra"

8.2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li l-vetturi qeghdin jipparkjaw wicchom back to back u ghalhekk l-exhaust qed imur kollu gor-residenza.

8.2.3 Huwa qal li l-idea hija li ssir pole b'tabella li tindika kif ghandhom jipparkjaw il-vetturi.

8.2.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li qed jivvota favur ghax ir-resident in kwistjoni jghix f'residenza li nbniet fi zmien l-Ingliz u ghalhekk il-bini jinsab taht l-art.

8.2.5 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

8.3 **14/3 –** *Il-kunsill ghandu jghamel pressjoni mat-Transport Malta li la darba issa lesta l-ewwel rampa ta taht il-logga (inti u diehla l-belt) issa issir ir-rampa li hemm taht il-logga tal-kazin tal-labour.*

Proponent – Davina Sammut Hili ________________________

Sekondant – Vince Borg ________________________

Datata – 17 ta' Jannar 20123

---

8.3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jixtieq jaghmel emenda li tghid li t-talba ghandha ssir lill-MRRA u mhux lil Transport Malta.

8.3.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

8.3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ghandna nibghatu nirringrazzjaw talli saret ir-rampa u nfakkru li ghad jonqos isir ir-raling.

8.4 **14/4 –** *Bhala mizuri sabiex niffrankaw fondi qed nipproponi li is-servizz tal-cable ghat-tv hawn fuq imsemmi jigi imnehhi.*

Proponent – Vince Borg ________________________

Sekondant – Davina Sammut Hili ________________________

Datata – 17 ta' Jannar 20123

8.4.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jhossx li dan hu gust minhabba li l-kunsilli kollha f'Malta kif ukoll id-dipartimenti gew moghtija televizjoni sabiex isegwu zviluppi u materji ohra.

8.4.2 Ittiehed vot favur il-mozzjoni msemmija, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, MP)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

8.5 **14/5 –** *Nipproponi li jinxtraq zewg planters ohra sabiex jitpoggew hdejn il-knisja ta San Publiju*

Proponent – Vince Borg ______________________

Sekondant – Davina Sammut Hili _______________________

Datata – 17 ta' Jannar 20123

---

8.5.1 Il-Vici Sindku ppropona li tizdied planter ohra fi Triq il-Miratur.

8.5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li tizdied planter ohra faccata tas-Citadel Insurance fi Triq is-Suq.

8.5.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ssir ftit tar-ricerka minhabba li l-planters kollha qed jinqasmu u ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jixtri planters differenti.

8.5.4 Il-Kunsill qabel li ghandu japprova x-xiri tal-planters imsemmija hawn fuq u sadanittant jigi ccekkjat jekk hemmx bollards ta' materjal ahjar.

8.6 **14/6** – *Saret talba mill-familja Saillard ta' triq il-miratur sabiex issir targa quddiem il-bieb taghhom billi sabiex jidhlu d-dar hemm targa gholja u billi l-mara ghandha disabilta qed tbati sabiex tidhol id-dar.*

*Ghaldaqstant qed inressaq proposta sabiex din it-targa ssir. Jekk il-kunsill ma jistax jaghmilha hu, ghandna nghatu permess sabiex il-familja Saillard jaghmluha huma.*

Proponent – Vince Borg ______________________

Sekondant – Davina Sammut Hili _______________________

8.6.1 Il-Kunsill qabel mat-tieni parti tal-mozzjoni fejn il-Kunsill jaghti permess lill-familja sabiex din it-targa ssir minnhom bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mil-ligi u li l-Kunsill jigi nformat minn qabel.

**<u>Nota: 19:10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

## <u>9.0 Gardmed</u>

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-problema li kellu l-Kunsill kienet li kien ghadu ma nefaqx l-ammont ta' ewro f'fondi li kien intitolat ghalih il-Kunsill.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kellu sal-ahhar ta' Marzu biex jiddeciedi f'hiex kien ser jonfoq il-fondi.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-kunsillier responsabbli mix-xogholijiet sabiex jikkuntattja lill-Perit malajr kemm jista' jkun biex jigu diskussi l-possibilitajiet.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland sostna li dawn il-fondi m'ghandhomx jinhlew u l-Kunsill ghandu jiehu kull opportunita'.

9.5 Is-Sindku ressaq proposta li wiehed mill-progetti li l-Kunsill jista' jikkonsidra huwa li jaghmel refurbishing kbir tal-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, in partikolari jitnehhew il-flushings sabiex ma jibqghux jintremew iktar siringi.

**<u>Nota: 19:15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.</u>**

9.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill izid il-photovoltaic panels.

9.7 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li t-toilets isiru tal-istainless steel minflok tac-ceramika u dan minhabba manutenzjoni u igjene.

9.8 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li tinxtara see saw biex titwahhal fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

9.9 Is-Sindku ippropona wkoll li s-sejhiet ghall-offerti jsiru b'mod urgenti u dan sabiex il-Kunsill ilehhaq jaghmel ix-xogholijiet diskussi.

9.10 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur il-hrug ta' sejhiet t'offerti b'mod urgenti, issekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, MP, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

9.11 Il-Kunsill qabel li f'kaz li jkun hemm bzonn ta' overdraft sabiex jithallsu l-ispejjez, ghandu jintalab permess mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## 10.0 Evalwazzjoni tal-offerti –

### 10.1 FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains

10.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' ta' KDF Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, tal-Avukat Dr Martin Fenech u tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.1.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur sabiex jibda' x-xoghol b'mod immedjat.

10.1.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili tablet li jigi rregistrat fil-minuti li hi kienet qed tivvota favur din l-offerta' minhabba li kienet l-orhos offerta' u ghall-ebda raguni ohra.

### 10.2 FLC/T/5/12 – Cleaning and Upkeep of Gardens and public convenience

10.2.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' ta' KDF Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, tal-Avukat Dr Martin Fenech u tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.2.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur sabiex jibda' x-xoghol b'mod immedjat.

### 10.3 FLC/Q/01/2013 – Supply, Delivery and Installation of Ornamental Benches and Tables

10.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill ma jistax jordna l-ammont mixtieq ta' mwejjed u siggijiet u dan minhabba li l-offerta' kienet taqbez il-limitu ta' spiza kif permess mil-ligi.

10.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa zewg alternattivi: li jinbidel l-istil tal-imwejjed u bankijiet jew li jitnaqqas l-ammont ta' mwejjed u bankijiet ordnati.

10.3.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jnaqqas zewg bankijiet.

10.3.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintaghzel l-offerta' ta' Anton Attard fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta'.

## 10.4 FLC/Q/02/2013 – Repair of Wooden Gazebos in KGV

10.4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Osbert Gambin fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, DSH, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.5 FLC/Q/03/2013 – Repair/ replacement of Faulty CCTV in KGV

10.5.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-offerti jghaddu ghand it-technician tal-Kunsill sabiex ikun jista' jigi fformulat rapport.

## 11.0 Dikjarazzjoni tal-Vici Sindku Matthew Paris

11.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah il-materja billi qal li xtaq jiddikjara b'mod ufficjali li hu kien beda jirraprezenta b'mod professjonali lis-Sur Justin Haber.

11.2 Ghalhekk huwa zied jghid li hu kien ser ikun qed jastjeni fi kwalunkwe diskussjoni jew materja li jkollha x'taqsam mas-Sur Haber.

**Nota: 19:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

## 12.0 Estimi Annwali 2013

12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiftah il-materja.

12.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif kienu gew mahduma l-estimi annwali ghal din is-sena.

**Nota: 19:35 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

12.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li s-Segretarju Ezekuttiv jibda jghaddi s-suggerimenti tieghu dwar spejjez, ecc. U dan sabiex il-kunsillieri jkunu jistghu jiddiskutu u jiehdu decizjonijiet b'mod xieraq.

**Nota: 19:36 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat**

12.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-ewwel ma jsiru l-erba fanali li fadal isiru fiz-zona ta' Balzunetta.

12.5 Il-Kunsill qabel li jinzamm il-pagament tal-kuntrattur Dion Galea sakemm jitlesta l-bicca xoghol tal-Housing u dan minhabba li dan il-progett ghandu jigi trattat b'urgenza peress li l-Kunsill huwa dovut flus mill-Housing ta' dan ix-xoghol.

12.6 Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-estimi annwali ghas-sena 2013.

**Nota: Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-materja nru 13 u l-materja nru 18 jigu diskussi flimkien. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.**

## 13.0 Laqgha Annwali tal-Lokalita`/ 18.0 Assemblea Generali Furjaniza

13.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien attenda ghaz-zewg assemblei u minhabba li l-attendenza hija fqira, u anke fl-isfond tal-ispejjez illi ghandu l-Kunsill, huwa ssuggerixxa li l-laqgha annwali tal-lokalita' u l-assemblea generali furjaniza jsiru f'wahda.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li dawn huma zewg affarijiet kompletament differenti u ghalhekk ma jafx kif wiehed jista' jintegrahom f'haga wahda.

13.3 Is-Sindku qal ukoll li l-Assemblea Generali Furjaniza ma tigix tiswa hafna flus hlief ghall-ispejjez tal-filmat. Hu qal li l-Assemblea ilha tigi rrekordjata tnax-il sena u hu jhoss li l-filmat huwa necessarju anke minhabba aspett storiku.

13.4 Is-Sindku kompla billi jghid li l-Kunsill jistieden lill-ghaqdiet lokali kollha ghaz-zewg avvenimenti u ghalhekk ihoss li l-ghaqdiet ghandhom jippromwovu iktar dawn iz-zewg avvenimenti.

13.5 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li l-Assemblea Generali Furjaniza ssir barra mid-Dar tal-Kunsill Lokali u dan minhabba li kultant tattira iktar nies jekk l-attivita' tkun qed issir fuq barra.

13.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Assemblea Generali Furjaniza ssir fuq barra u ssir iktat tard matul is-sena, possibilment ghall-habta ta' Mejju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

13.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa' jorganizza l-Laqgha Annwali tal-Lokalita' u l-Assemblea Generali Furjaniza b'mod separat.

13.8 Il-Kunsill qabel li l-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tinzamm nhar il-Gimgha 22 ta' Frar fis-7.15pm.

## 14.0 Gbir ta' Skart Riciklat

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li hu u s-Segretarju Ezekuttiv kienu ltaqghu ma' Green MT fej informa li kien moghti sponsorship ta' €1000 ghall-Festival tan-Nar.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun moghti deskrizzjoni ta' x'joffru z-zewg kumpaniji halli l-Kunsill ikun jista' jqabbel ma tittiehed decizjoni.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland spjega fil-qosor x'ser joffru lill-Kunsill il-kumpanija Green MT.

14.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jinforma lill-Greenpak bl-offerti li gie moghti minn din il-kumpanija u jara jekk il-kumpanija tistax timmatchja l-offerta'. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jaqbel ma' din il-proposta.

14.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li wara d-diskussjonijiet li kellu mal-Green MT, kien gie milhuq ftehim li minflok il-gabra tal-mixed household waste, issir wahda tar-riciklagg u ghalhekk il-Kunsill ma kienx ser jidhol f'iktar spejjez.

14.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li hi ma taqbilx li ghandha tinqata' l-gabra tal-borza s-sewda ta' nhar ta' Tlieta.

14.7 Is-Sindku qal li l-Green MT ma kienux qed jinsistu li din tinqata' izda kienet ghazla tal-Kunsill f'kaz li jkun irid jiffranka.

14.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu mhux lest jiehu decizjoni issa ghax hu m'ghandux quddiemu dak li joffri l-Green pak.

14.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-agenda kienet ilha li giet iccirkolata u ghalhekk wiehed seta' jiccekkja z-zewg proposti minn qabel.

14.10 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jrid l-ahjar ghall-Kunsill u ghalhekk jipproponi li l-Kunsill imur ghand il-Greenpak u jara jekk jistax joffri l-istess beneficcji.

14.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li ladarba qed tinstab diffikulta', ser jipproponi li l-kunsillieri jaraw iz-zewg kuntratti u jekk hemm bzonn tissejjah laqgha b'urgenza sabiex tittiehed decizjoni.

14.12 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan ma kienx possibli minhabba li l-kuntratt kien jaghlaq fl-ahhar tax-xahar u ghalhekk kien hemm bzonn ta' decizjoni immedjata.

14.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kinietx saret verifika ma' kunsilli ohra kif kien gie diskuss fil-laqgha precedenti.

14.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill bil-proposta tal-Green MT kien ser jiggwadanja gabra tar-riciklat zejda fil-gimgha.

14.15 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jistenna r-risposta tal-kuntrattur rigward il-gabra tat-Tlieta pero mbaghad trid tittiehed decizjoni immedjata.

14.16 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li fejn kien ilu ghaddej biha din il-materja, ma kinietx

ser taghmel differenza billi jghaddi ftit taz-zmien iehor. Hu qal li l-messagg tas-Sindku kien ilu hafna biex johrog.

14.17 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan kien ilu mhux hazin li lestih u baghtu lill-Greenpak.

## 15.0 Jum il-Floriana

15.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li jittama li din is-sena tigi ccelebrata bhalma kienet tigi ccelebrata qabel u qal li din soltu tigi organizzata gimgha qabel il-festa.

15.2 Is-Sindku qal ukoll li hu xtaq jipproponi konkors iehor fejn jinghata premju lil dawk l-entitajiet kummercjali u amministrattivi li b'xi mod jew iehor jghinu lill-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

15.3 Is-Sindku qal li bhalma jsir kull sena jixtieq li terga' ssir il-badge day li l-qliegh taghha jmur kollu ghal xi ghaqda lokali.

15.4 Il-Kunsill qabel li r-riceviment u l-premjazzjonijiet ghandom isiru nhar il-5 t'April 2013.

15.5 Is-Sindku nforma li bhalma jsir kull sena, il-kunsilliera jistghu jaghzlu personalitajiet li jigu onorati u jitwahhal ritratt taghhom fi Triq il-Miratur. Huwa talab lill-kunsillieri shabu dwar jekk ghandomx ideat lil min jixtiequ jinnominaw.

15.6 Is-Sindku qal ukoll li xtaq li tigi organizzata wirja fil-foyer.

15.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien gie avvicinat minn Ray Roberts li xtaq li jesponi wirja minn tieghu fil-foyer dakinhar.

15.8 Il-Vici Sindku ppropona wkoll li ssir zjara ta' kortesija lil kull ghaqda lokali. Il-Kunsill approva.

15.9 Il-Kunsill qabel b'maggoranza li l-personaggi onorati ghandhom ikunu dawk maghzula is-sena l-ohra: **Paul Bonnett; Gerard James Borg; Ruggieru Friggieri; John Lopez; Antonio Agius u Henry Frendo.**

15.10 Is-Sindku talab li jigi rrekordjat fil-minuti li ghalkemm jaqbel mal-hames personaggi l-ohra maghzula, hu ma jhossx li ghandu jigi onorat Antonio Agius ghax ma jaqax fil-kriterji tal-persuni li keinu qed jigu maghzula fil-passat peress li l-iskop kien li niprogettaw Furjanizi li wettqu xi haga fuq skala nazzjonali jew internazzjonali, u ghalhekk jhoss li ghandu jigi sostitwit minn haddiehor.

**Nota: 20:30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 16.0 Karnival ta'Malta

16.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qara ittra mibghuta minn Glenn Dalli Hili fejn talab li jzid il-bejgh ta' ikel u xorb mal-permess moghti lilu ghall-bejgh ta' gugarelli.

16.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-ligi tippermettiex din it-talba.

16.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-ligi ma ttikx la facilita' tilqa' din it-talba u lanqas timpedi lill-Kunsill milli tirrifjutaha minhabba li m'hemm xejn specifiku rigward sitwazzjoni bhal din.

16.4 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jivverifika mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jew mat-Trade Licensing Unit sabiex ikollu indikazzjoni dwar x'jista' jsir.

16.5 F'dan il-hin intervjena s-Sur Glenn Dalli Hili u s-Sindku qal li mhux ser jippermetti li jkun hemm interventi waqt il-laqgha tal-Kunsill mil-pubbliku u jekk dan kien bzonnjuz, missha giet mitluba laqgha.

16.6 Ghalhekk il-Kunsill qabel li jissospendi d-diskussjoni ta' din il-materja ghal iktar tard.

## 17.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta` Lejlet l-Ewwel tas-Sena

17.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li jidher li hemm interess minn individwi li jidhlu ghall-organizzazzjoni tal-attivita'.

**Nota: 20:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**

17.2 Is-Sindku esiega li ma jergax jigi ripetut l-izball li sar is-sena l-ohra u talab lill-kunsillieri sabiex il-kuntatti li hemm bzonn jibdew isiru minn issa.

17.3 Is-Sindku ppropona li iktar tard tinhareg expression of interest ghal min hu interessat jorganizza l-attivita'.

17.4 Is-Sindku qal ukoll li jixtieq li dan l-interess jirrealizza ruhu sabiex l-attivita' tkompli ssir u terga' tkun wahda ta' success.

**Nota: 20:50 Il-Kunsill qabel li ghandu jgedded il-laqgha b'siegha.**

17.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa rigward il-korrispondenza mibghuta minn Justin Attard.

17.6 Il-Vici Sindku qal li kullma jigi diskuss matul il-laqgha tal-Kunsill huwa pubbliku u ghalhekk ma jaqbilx mal-kumment tas-Sur Attard fejn qed jimplika li l-Kunsill qed

jippubblika d-dettalji.

17.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jiffirma l-kundizzjonijiet proposti mis-Sur Justin Attard fil-prezenza ta' nutar.

## 19.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

19.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jipprova jaghmel xi laqghat sabiex jitlob sponsorships ghall-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Huwa qal li ghandu xi laqghat ohra fil-vicin rigward l-istess materja.

19.2 Is-Sindku qal ukoll li kellu offerta' minn individwu li offra li jaghti l-barriers li hemm bzonn lill-Kunsill b'nofs prezz. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kienu ntbaghtu l-ispecifikazzjonijiet kollha necessarji lill-persuna kkoncernata sabiex ikun jista' jaghti kwotazzjoni lill-Kunsill.

## 20.0 St Patrick's Day f'Balzunetta

20.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li fil-kumitat organizzattiv ta' din l-attivita' kienu hargu hafna ideat u jidher li hemm entuzjazmu kbir.

20.2 Is-Sindku qal li kien ghamel kuntatt mal-Ambaxxatur Irlandiz li kien accetta t-talba ghall-laqgha mieghu u tah appuntament ghal laqgha.

20.3 Is-Sindku qal li kienu qed jipprovaw johorgu diversi ideat ta' kif jingieb il-finanzjament fosthom l-idea li jinbiegh biljett ghal pinta birra u bowl irish stew u li l-profitt tieghu imur kollu ghall-Kunsill sabiex itaffi l-ispejjez.

20.4 Is-Sindku qal ukoll li kien ser isir kuntatt ma' zewg socjetajiet irlandizi f'Malta sabiex isiru diskussjonijiet ta' x'jista' jsir.

**Nota: 20:50 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

## 21.0 Nominazzjonijiet ghal Justin Haber Football Academy

21.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kinietx intbaghtet ic-cirkolari lir-residenti sabiex jigu nformati bl-ischolarships li kienu qed jigu offruti ghall-Akkademja tal-football ta' Justin Haber.

21.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kienet ghadha ma ntbaghtitx.

21.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili offriet li tifformola c-cirkolari hi u pproponiet li peress li spicca l-istagun, minflok zewg sponsorships jigu offruti erbgha minflok it-tnejn li ghaddew.

21.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mas-Sur Justin Haber bil-proposta li jigu offruti 4 scholarships minflok tnejn. F'kaz li jkun hemm qbil il-Kunsill qabel li ghandu johrog din

ic-cirkolari malajr kemm jista' jkun.

**Nota: 20:50 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqha.**

## 22.0 Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna u Balzunetta

22.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li diga kien sar accenn fil-laqgha precedenti sabiex fi Triq Sant'Anna jsiru ventijiet minflok antarjoli.

22.2 Is-Sindku qal ukoll li hemm bzonn li jinbidel it-tizjin ta' Balzunetta minhabba li dan ma kienx adegwat ghall-barra.

22.3 Is-Sindku qal li ghandha tittiehed decizjoni iktar 'il quddiem meta jghaddi ftit taz-zmien iehor.

## 23.0 Bankini u Asfaltar f'Balzunetta

23.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-gimgha li ghaddiet kien iltaqa' mal-Perit u mal-kuntrattur fejn kien intlehaq ftehim dwar x'xogholijiet kien hemm bzonn li jsiru. Huwa qal li fil-fatt kienet saret il-parti tal-bankina li taghti access ghall-garaxx.

23.2 Huwa qal ukoll li dak il-gebel li kien hemm fit-toroq kien tnehha u x-xoghol kien ser jitkompla.

23.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li x-xogholijiet ma kienux ser jiefqu u fil-fatt kien tkellem ukoll mal-kuntrattur dwar kif ser jitkomplew ix-xogholijiet. Huwa nforma li ghandhom l-ewwel jitlestew l-affarijiet minimi li kien ghad fadal u mbaghad ser tinqala' l-parti tal-bankina li tmiss mal-Kurja fejn il-kurduna ser tigi livell mat-triq u wara jsir il-porfido.

23.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris li l-Kunsill irid jiddeciedi jekk hux ser jinbidel il-main.

23.5 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu jibza li jekk ma jinbidilx issa, dan ikollu jinbidel fis-snin li gejjin u ghalhekk ikollu jerga' jinqala kollox.

23.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li m'hemmx bicca kbira fejn irid jinqala' l-main u ghalhekk ma jahsibx li l-ispiza ghandha tammonta ghal hafna.

23.7 Is-Sindku talab li tintalab stima dwar il-bidla tal-main.

23.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar katusa li hemm bzonn tinbidel. Il-Vici Sindku qal li din kellha ssir taht il-bankina u ser ikun hemm culvert li jaghti ghad-drain.

23.9 Is-Sindku qal li din hija spiza zejda ghall-Kunsill u jhoss li l-Perit kien missu gibed l-attenzjoni ghal dak li kien ser jigri.

23.10 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa x'ser jigri dwar dik li nizla mill-Housing. Il-Vici Sindku qal li din kienet ser tigi fuq l-art u ghalhekk minflok kienet ser issir gradilja tul il-bankina kollha u fejn ikun hemm overflow taqbez ghat-triq.

23.11 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa fuq il-kumplament ta' Triq l-Iljun minhabba li din kienet parti mill-ftehim li kien sar mal-Housing. Huwa kompla billi qal li hemm hemm bicca li kellha titwessa bicca. Il-Vici Sindku qal li din kellha tigi in line mal-bankina kif qeghda bhalissa.

**<u>Nota: 21:00 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

23.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona wkoll li ssir no entry fi Triq l-Argotti c/w Triq l-l-Iljun u ohra fi Triq l-Iljun c/w Triq l-Argotti minhabba li qed tinholoq sitwazzjoni ta' periklu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

23.13 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jsir traffic management plan gdid biex jigi evalwat l-effett ta' din il-bidla.

**<u>Nota: 21:05 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.</u>**

## <u>24.0 Bye Law ghall-Uzu tal-fosos</u>

24.1 Din il-materja kienet diga giet diskussa u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jmur ghall-materja li jmiss.

## <u>25.0 Progett Floriana Model</u>

25.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien qed jistenna l-permess mil-Lands Department u mill-MEPA.

25.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit prezenti tal-Kunsill sabiex issir applikazzjoni mal-MEPA.

25.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li din is-sena kienu ser isiru diversi progetti u xogholijiet.

**<u>Nota: 21:08 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**
**<u>Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jiddiskuti l-materja nru 16.</u>0**
**<u>li kienet giet sospiza precedentement.</u>**

## <u>16.0 Karnival ta'Malta</u>

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien gie avvicinat mill-ghaqdiet lokali li esprimew l-interess li jarmaw xi stands fil-jiem tal-Karnival.

16.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-proposta kienet saret xi sentejn ilu meta l-

Karnival kien il-Floriana s-Sibt filghaxija. Huwa qal ukoll li dan kien avveniment ta' darba u kien ghalhekk li kienu inghataw permessi lill-ghaqdiet sabiex jarmaw b'dak il-mod.

16.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien hemm waiting list ghal nies interessati jarmaw fil-Karnival izda qal ukoll li l-ghaqdiet setghu jarmaw quddiem il-bieb taghhom stess ladarba jkollkom il-permess necessarju li jbieghu, dejjem wara li jkunu ottjenew il-permess necessarju mill-Kunsill.

16.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-korrispondenza diskussa iktar kmieni mibghuta mis-Sur Glenn Dalli Hili u saqsa x'jista' jsir.

16.5 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard.

16.6 Is-Segretarju Ezekuttiv talab li ma jkunx parti minn din id-diskussjoni u dan biex ma jergax ikun akkuzat b'imparzjalita` kif kien gie akkuzat mis-Sur Glen Dalli Hili f'intervent li ghamel waqt il-laqgha.

## 26.0 Aġġornament tal-laqgħa

26.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2013 fl-4.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.25.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv |